MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Numru 1301/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit u Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Mario Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Mario Caruana ta’ tlieta u tletin (33) sena, bin Alfred u Felicia neè Chetcuti, imwieled Pietà fl-10 ta’ Lulju 1978 u residenti 15, Triq it-Torri, Zurrieq, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 354678(M), talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi b’risoluzzjoni wahda billi:

1. Fit-22 ta’ Novembru 2011 u diversi xhur u snin qabel din id-data waqt li kien gewwa l-Biccerija li tinsab fi Triq il-Princep Albert, Marsa, u f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq

ta' skieken u ghodod ohra liema serq hu ikkwalifikat bil-persuna u valur li ma jeccedix €2,329.37 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2. Ukoll talli nhar il-21 ta' Novembru 2011 f'xi hinijiet bejn is-7:00a.m. u l-1:00p.m. waqt li kien gewwa l-Biccerija li tinsab fi Triq il-Princep Albert, Marsa, ikkommetta serq ta' flus ghall-valur ta' madwar €35 minn *Vending Machine* ta' l-ikel, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna a detriment tal-Gvern ta' Malta u Joe Micallef;

3. U aktar talli fl-istess cirkustanzi xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom liema oggetti huma ghodod u skieken prorpejtà tal-Gvern ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tiehgu, ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli li kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraq l-istess oggetti li huma proprjetà tal-Gvern ta' Malta.

Rat illi l-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' htija taht l-Artikolu 127 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tapplika fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti

Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza u semghet it-talba tad-Difiza sabiex fil-konsiderazzjoni tal-piena taht l-Artikolu 127 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament fir-rigward tal-piena ta’ interdizzjoni generali, tapplika l-provvediment enuncjat fl-Artikolu 10(6) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi waqt is-seduta tat-28 ta’ Novembru 2011 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li it-tielet akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali, u senjatament mid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-28 ta’ Novembru 2011, jirrizulta li t-tielet akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza migjuba kontrih. In oltre jirrizulta wkoll li l-ewwel u t-tieni akkuzi ghandhom jigu assorbiti fir-raba’ akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat.

Fid-dawl ta’ dan u fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, issibu hati ta’ l-ewwel it-tieni u r-raba’ akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali netta ta’ l-istess imputat u l-assorbiment ta’ l-ewwel u t-tieni akkuzi fir-raba’ akkuza migjuba kontra l-imputat.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 127, 263, 267, 268(d), 278(1) u (2), 279(a), 280(1) u 334(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, issibu hati ta’ l-ewwel, it-tieni u r-raba’ akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2)

prigunerija izda, billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ sentejn (2) prigunerija jigi sospiz, a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ sentejn (2) prigunerija ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza, **u** in oltre tordna l-interdizzjoni generali pereptwa ta’ l-imputat.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

It-talba tad-Difiza sabiex il-Qorti tapplika l-provvediment ta’ l-Artikolu 10(6) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal dak li jirrigwarda l-piena ta’ l-interdizzjoni generali perpetwa mhux ser tigi trattata stante li tali talba f’dan l-istadju tal-proceduri hija manifestament intempestiva.

Ai termini ta’ l-Artikolu 10(7) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna din is-sentenza tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern a spejjez tar-Registratur tal-Qorti.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien stabbilit mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------